# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors numru 119/14/1 AGV**

**Suzanne Mifsud**

**v.**

**Edgar Mifsud**

**Il-Qorti:**

1. B'rikors maħluf preżentat fil-21 ta' Ottubru 2021 l-attur talab lil din il-Qorti sabiex tagħtih il-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament skont l-Art. 904 tal-Kap. 12 u dan wara li r-Reġistratur talbu jiddepożita €31,491 bħala garanzija għall-ispejjeż tal-appell. It-talbiet jaqraw hekk:

> *"1. Takkorda lill-esponent il-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament (cautio iuratoria) ai termini tal-artikolu 904 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *2.Tikkonferma illi l-appellant għandu assi immobbli suffiċjenti sabiex fi kwalunkwe każ jagħmlu tajjeb għall-pretiża tal-appellata.*
>
> *3. Sussidjarjament takkolji l-ħlas tal-kawtela għar-rigward tad-dritt tar-Reġistru iżda teżenta lill-appellant milli jħallas il-kawtela għar-rigward tad-drittijiet legali".*

2. L-appellant isostni li minħabba l-proċeduri ta' separazzjoni m'għandux aċċess għal flus depożitati għand in-Nutar Roland Wadge, u li seta' jagħmel użu minnhom sabiex iħallas il-garanzija. Żied ukoll li s-sehem tiegħu minn immobbli li skont l-ewwel sentenza ġew assenjati lilu, hu biżżejjed sabiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-proċeduri f'każ li l-Qorti tiċħad l-appell. Qal ukoll li ma sab lil ħadd biex jagħmillu tajjeb għall-garanzija u li għandu *probabilis causa litigandi*.

3. L-appellata wieġbet (fol. 829A) u oġġezzjonat għat-talba, fosthom għar-raġuni li l-appellant jgħix ħajja lussuża. Żiedet li l-flus depożitati għand in-Nutar Wadge mhumiex tal-appellant iżda ta' kumpannija li skont il-pjan ta' qasma ordnat mill-ewwel Qorti, ġiet assenjata lilha. Ikkonfermat li l-appellant għandu mmobbli (sal-lum għadha komuni jew proprjeta` ta' CityPro Limited), li fiha nnifisha hi ammissjoni li kellu mezz sabiex jikseb il-flus li hemm bżonn sabiex jagħmel depożitu fil-qorti tas-somma li talbu r-Reġistratur.

4. Fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2022 xehed l-appellant u minn dak li qal il-Qorti hi tal-fehma li bħalissa m'għandux il-likwidita` sabiex ikun jista' jiddepożita s-somma ta' €31,491. Hu fatt ukoll li mill-atti jirriżulta li hemm biżżejjed ġid li jkopri l-pretensjoni tal-appellata f'każ li l-appell jiġi miċħud. L-appellata stess fit-tweġiba għar-rikors tal-appell qalet li l-Qorti assenjat lill-appellant proprjeta b'valur ta' €1,549,628. Ovvjament billi l-kawża għadha pendenti, l-appellant ma setax jillikwida xi parti minn dak il-ġid sabiex ikollu l-likwidita` biex jagħmel id-depożitu li talab ir-Reġistratur.

5. Minn dak li semgħet il-Qorti fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2022, lanqas mhi konvinta li l-appellant qiegħed jgħix ħajja ta' lussu ġewwa Ċipru. Għalkemm l-appellata hekk allegat, m'hemmx provi ċari li hekk hu.

6. Għalkemm ma rriżultax li l-appellant talab lil xi bank sabiex jagħtih garanzija bankarja għal dak l-ammont, x'aktarx li ma kinitx tingħata kieku talab. Qiegħed jingħad hekk għaliex il-ġid kollu hu mertu tal-kawża ta' separazzjoni apparti li diġa` hemm dejn konsiderevoli ma' banek kemm tal-konvenuti personalment u tal-kumpaniji Citypro Limited u Real Time Real Estate Limited (ara dik il-parti tas-sentenza appellata bit-titlu 'djun'), li jidher li mhuwiex jitħallas. Dejn li pero` hu ferm inqas mill-valur tal-ġid.

7. Għal dak li jirrigwarda t-tieni rekwiżit l-appellant irid juri li *prima facie* għandu *probabilis causa litigandi*. L-aggravji tal-appellanti jirrigwardaw il-

ħtija għat-tifrik taż-żwieġ, l-applikazzjoni tal-Art. 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-appellant, kwistjoni dwar jekk immobbli huwiex parafernali jew tal-komunjoni tal-akkwisti u l-assenjazzjoni tad-dejn. Fit-tweġiba l-appellata ma qalet xejn dwar dan. Il-Qorti waslet għall-konvinċiment li almenu fuq uħud mill-aggravji tal-appellanti, hemm bażi sabiex jiġu mistħarrġa u determinati minn din il-Qorti ta' reviżjoni.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-ewwel talba tar-rikors preżentat fil-21 ta' Ottubru 2021. Għaldaqstant, ma tqisx it-talbiet l-oħra fl-istess rikors.

Spejjeż ta' din id-deċiżjoni jibqgħu riżervati għas-sentenza finali.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr